MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 369/2009

**Fact Services Ltd (C39925)**

**vs**

**Marcel Mogiel (Passport Nr: EE195481)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Mejju 2009, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef erba` mija u erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (€3494.06) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghax.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, ai termini tar-Regolament KE Nru 1393/2007, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-1 ta’ Marzu 2010, meta gew upprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlett elef erba` mija u erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (€3494.06), bl-imghax kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha kif mitluba li ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------